# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2016

**Kawża Numru 3 (Kost.)**

**Rik. Nru. 19/10JRM**

Anthony **GAUĊI**

vs

**TRANSPORT MALTA** u b'degriet tal-15 ta' April, 2010, għandha tibda tissejjaħ Awtorita' għat-Trasport f'Malta; Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol; u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li l-imġiba tal-intimati jew ta' min minnhom tikkostitwixxi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni") u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet

Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni"); u (ii) tgħaddi biex toħroġ dawk id-direttivi u ordnijiet li jidhrilha li huma xierqa;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2010, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-4 ta' Marzu, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta fl-4 ta' Marzu, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, ġibdet l-attenzjoni għall-mod kif kellha tissejjaħ għall-finijiet tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, u wkoll billi qalet li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji ordinarji fil-kamp legali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali, qabel ma nqeda bil-proċedura tal-ilment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ilmenti tar-rikorrent fil-konfront tagħha ma huma bl-ebda mod mistħoqqa għaliex hija mxiet miegħu sewwa u qatt ma ttrattatu b'mod degradanti jew inuman. Il-fatt li ttieħdu proċedimenti dixxiplinari kontra tiegħu ma jsarrfux fi trattament bħal dak tant li, minkejja sejbien ta' ħtija, hija ma neħħitux mill-impieg tiegħu għal raġunijiet ta' ħniena minħabba l-qagħda medika tiegħu. Żiedet tgħid li r-rikorrent mexxa proċeduri quddiem l-Ombudsman (li kellhom eżitu negattiv għall-ilment tiegħu) u wkoll b'kawża kontriha quddiem il-Qrati[1];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-18 ta' Marzu, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qal li jagħmel tiegħu l-kontestazzjonijiet imressqin mill-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u żied jgħid li huwa bl-ebda mod ma jaħti għal dak li jilminta minnu r-rikorrent u lanqas għamel xi ħaġa li, bl-akbar sforz ta' immaġinazzjoni, jista' jitqies li jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2010[2], li bih ordnat il-bidla fl-isem tal-Awtorita' intimata;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010[3], li bih ħassret il-kawża minn fuq il-listi tas-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 199 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2010, li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tal-11 ta' Mejju, 2010, reġgħet qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ wara li r-rikorrent wettaq dak mitlub fl-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Rik. Nru. 52/09LSO (maqtugħa fit-30.10.2014 u mhux appellata)
[2] Paġ. 39 tal-proċess
[3] Paġ. 40 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol fit-2 ta' Lulju, 2010, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati u l-azzjoni tiegħu hija waħda fiergħa. Preliminarjament, qalet li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-ilmenti tiegħu u jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża, minbarra li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji disponibbli biex iħares l-interessi tiegħu u għalhekk stiednet lill-Qorti tagħżel li ma tismax il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija bl-ebda mod ma taħti lejn ir-rikorrent għal xi mġiba li tista' titqies bħala waħda inumana jew degradanti. Minbarra dan, l-ilmenti tar-rikorrent ma jwasslux għal ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Novembru, 2010[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' kull waħda miż-żewġ awtoritajiet intimati u qatgħetha li twettaq is-setgħat tagħha li tisma' u tiddeċiedi l-kwestjoni mressqa quddiemha mir-rikorrent fuq il-mertu sħiħ tagħha dwar l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali minnu msemmi fir-rikors promotur tiegħu;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u fliet il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fil-5 ta' Ġunju, 2012[5], b'affidavit ulterjuri bix-xhieda tiegħu u bosta dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2012[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lir-rikorrent biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-5 ta' April, 2013[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta fl-10 ta' Ġunju, 2013[8], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fis-17 ta' Ġunju, 2013[9], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

---

[4] Paġġ. 56 – 62 tal-proċess
[5] Paġġ. 191 sa 331 tal-proċess
[6] Paġ. 364 tal-proċess
[7] Paġġ. 367 sa 378 tal-proċess
[8] Paġġ. 382 – 399 tal-proċess
[9] Paġġ. 402 – 9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimata Awtorita' Maltija dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol fl-24 ta' Lulju, 2013[10], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab ksur ta' jedd fundamentali dwar ħelsien minn trattament inuman u degradanti waqt jew b'rabta max-xogħol tiegħu ta' *berthing assistent* mal-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa "TM"). Huwa jilminta li, minħabba li ġibed l-attenzjoni ta' awtoritajiet kompetenti dwar il-kundizzjonijiet li fihom intalab jaħdem, TM ittrattatu b'mod li jiksirlu l-imsemmi jedd fundamentali tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni, TM laqgħet billi, minbarra li qajmet żewġ eċċezzjonijiet preliminari, fil-mertu qalet li l-ilmenti tar-rikorrent fil-konfront tagħha ma huma bl-ebda mod mistħoqqa għaliex hija mxiet miegħu sewwa u qatt ma ttrattatu b'mod degradanti jew inuman. Il-fatt li ttieħdu proċedimenti dixxiplinari kontra tiegħu ma jsarrfux fi trattament bħal dak tant li, minkejja sejbien ta' ħtija, hija ma neħħitux mill-impieg tiegħu għal raġunijiet ta' ħniena minħabba l-qagħda medika tiegħu. Żiedet tgħid li r-rikorrent mexxa proċeduri quddiem l-Ombudsman (li kellhom eżitu negattiv għall-ilment tiegħu) u wkoll b'kawża kontriha quddiem il-Qrati;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qal li jagħmel tiegħu l-kontestazzjonijiet imressqin mill-intimata TM, u żied jgħid li huwa bl-ebda mod ma jaħti għal dak li jilminta minnu r-rikorrent u lanqas għamel xi ħaġa li, bl-akbar sforz ta' immaġinazzjoni, tista' titqies li tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrent;

[10] Paġġ. 413 – 7 tal-proċess

Illi l-intimata Awtorita’ dwar is-Saħħa u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xogħol (minn issa ’l hemm imsejħa “OHSA”) laqgħet billi, b’mod preliminari, qalet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati u l-azzjoni tiegħu hija waħda fiergħa. Żiedet tgħid li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-ilmenti tiegħu u jmissha tinħeles milli tibqa’ fil-kawża, minbarra li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji disponibbli biex iħares l-interessi tiegħu u għalhekk stiednet lill-Qorti tagħżel li ma tismax il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija bl-ebda mod ma taħti lejn ir-rikorrent għal xi mġiba li tista’ titqies bħala waħda inumana jew degradanti. Fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, hija mxiet ma’ dak li titlob minnha l-liġi u wettqet spezzjonijiet biex tara sewwa fiex kienu jikkonsistu l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-kundizzjonijiet li kien jitħalla jaħdem taħthom. Minbarra dan, l-ilmenti tar-rikorrent ma jwasslux għal ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi b’sentenza preliminari mogħtija fil-25 ta’ Novembru, 2010, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari mressqa minn TM u minn OHSA dwar jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ l-każ fuq il-mertu, li b’mod indirett għamel tiegħu ukoll l-intimat Avukat Ġenerali;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti juru li r-rikorrent kellu l-kariga ta’ *berthing assistent* fil-*Yachting Centre Marinas* sa mill-1991. Qabel kien dettaljat mal-Awtorita’ Marittima ta’ Malta kien għamel żmien jaħdem it-tarzna jħaddem il-*cranes* u wasal għall-grad ta’ *foreman* u, wara, bħala ħaddiem awżiljarju fil-marina tal-Imsida[11]. Mat-twaqqif tal-Awtorita’ Marittima fl-1991, ir-rikorrent u kull min kien bħalu sar impjegat magħha;

Illi matul iż-żmien, ir-rikorrent ħa sehem f’taħriġ u kiseb kwalifiki fix-xogħol li ngħata jagħmel[12];

Illi għall-ħabta tal-2003, ir-rikorrent u sħabu kienu mgħarrfa li, minħabba ristrutturar li kien sejjer isir fil-marini (li sadattant kienu żdiedu minbarra dik fl-Imsida), hu u sħabu kienu sejrin jinżammu bħala ħaddiema mal-Awtorita’ iżda jagħmlu x-xogħol marbut ma’ għassa u sigurta’;

Illi matul iż-żmien ta’ wara, ir-rikorrent beda jara affarijiet li dejquh f’dak li jirrigwarda ż-żamma tas-sigurta’ fil-marina u għamel laqgħat mal-ogħla diriġenti u saħansitra mas-segretarjat tal-Ministru u s-segretarju privat tal-Prim Ministru biex jiftħilhom għajnejhom għat-tħassib tiegħu. Ressaq

[11] Affidavit tiegħu f’paġ. 79 tal-proċess
[12] Ara Dokti “AGG22” u “AGG23” f’paġġ. 209 – 210 tal-proċess

ilmenti formali wkoll bil-kitba mal-imsemmija awtoritajiet[13]. Matul dan iż-żmien, huwa kien tiela' u nieżel barra minn Malta għall-kura minħabba marda kiefra li ħakmitu[14];

Illi f'Lulju tal-2007, l-Awtorita' għarrfet lir-rikorrent li ma kienx se' jibqa' jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel sa dak inhar u ntbagħat jaħdem f'uffiċċju fl-Imsida. Ressaq ilment mal-OHSA minħabba l-kundizzjonijiet li tqiegħed jaħdem fihom, l-aktar minħabba saħħtu. Ressaq ukoll il-każ tiegħu quddiem l-*Ombudsman* f'Diċembru tal-2007[15];

Illi f'April tal-2008, ittieħdu proċeduri dixxiplinari mill-imsemmija Awtorita' Marittima ta' Malta fir-rigward tar-rikorrent dwar episodju li nqala' fit-23 ta' Frar ta' dik l-istess sena meta kien qiegħed isir xogħol ta' tqaxxir tal-boltijiet bi fjammi fuq wieħed mill-pontuni u r-rikorrent ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu dwar il-periklu li kien qed jinħalaq minħabba li ma kienx hemm sistemi ta' tifi ta' nar f'każ li l-pontun jieħu n-nar. Fl-imsemmi episodju, ir-rikorrent kien ġibed xi ritratti[16] hu u jsir l-imsemmi xogħol, u meta ġew is-superjuri tiegħu fuq il-post[17], irrifjuta l-ordni tagħhom li jeqridhom għaliex insista li jrid iżommhom bħala prova ta' dak li dwaru kien ilmenta (ir-rikorrent jiċħad li qatt ingħata ordni bħal din[18]);

Illi dakinhar stess, l-Awtorita' Marittima issospendietu mix-xogħol u nediet proċess biex tistħarreġ il-każ billi ġabret rapporti minn dawk imdaħħla fil-każ[19] u waqqfet bord ta' dixxiplina;

Illi wara li twaqqaf bord ta' dixxiplina, huwa kien instab ħati tal-akkużi, u dik id-deċiżjoni reġgħet kienet konfermata fi Frar tal-2009 b'rakkomandazzjoni li r-rikorrent ma jitkeċċiex mill-impieg, jingħata twiddiba u li għaż-żmien kollu li kien sospiż waqt l-imsemmija proċedura jitħallas biss nofs il-paga li kien jistħoqqlu jirċievi kieku ma kienx sospiż[20]. F'April tal-2008, l-*Ombudsman* ta l-fehma tiegħu dwar l-ilment tar-rikorrent[21];

Illi fi Frar tal-2009[22], r-rikorrent intalab minn TM biex jidħol lura għax-xogħol, iżda ntbagħat fis-sede ewlenija tal-Awtorita' fejn jgħid li mhux qed jingħata jagħmel l-ebda xogħol[23]. Huwa ntbagħat fit-taqsima tal-*Enforcement Unit Security Department* bħala uffiċjal tas-sigurta' fis-sede

[13] Ara, b'eżempju, Dokti "RVB", "AGG41" u "AGG44", f'paġġ. 185 – 8, 280 u 291 – 4 tal-proċess
[14] *Ibid.* F'paġ. 81 tal-proċess
[15] Dok "AGG43", f'paġġ. 281 – 2 tal-proċess
[16] Dokti "JCA" u "AGG31" sa "AGG34", f'pa'ġ. 126 u 229 sa 232 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Charles Hole f'paġġ. 135 – 6 tal-proċess
[18] Ara Dok "AGG20", f'paġ. 206 tal-proċess
[19] Dokti "AGG36" sa "AGG41", f'paġġ. 262 sa 279 tal-proċess
[20] Dok "TM1", f'paġ. 12 tal-proċess
[21] Dok "TM3", f'paġġ. 14 sa 34 tal-proċess
[22] Dok "TM2", f'paġ. 13 tal-proċess
[23] Affidavit tiegħu u xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 82 u 362 tal-proċess

ewlenija ta' TM b'seħħ minn April ta' dik is-sena[24]. Iżda jumejn wara li ntbagħat jaħdem f'dik it-taqsima, ir-rikorrent ħareġ bil-frank tal-mard u dam sa Mejju tal-2010[25];

Illi sadattant, fi Frar tal-2010, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-ilment imressaq mir-rikorrent</u> irid jingħad li huwa jibni l-każ tiegħu kemm fuq l-artikolu relattiv taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll dak pariġġu taħt il-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[26]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[27]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita' u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita' li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities*

[24] Xhieda ta' Nadia Bruno Olivier f'paġ. 351 tal-proċess
[25] *Ibid.* f'paġ. 352 tal-proċess
[26] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke <u>*The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports*</u> (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117
[27] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

*would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[28] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[29], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[30];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[31], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[32];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[33], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[34], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[35]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[36];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita'[37] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[38]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person*

---

[28] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[29] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[30] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[31] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[32] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[33] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[34] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[35] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[36] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[37] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[38] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

*concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[39];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[40]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[41]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[42];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta' u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[43]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[44];

Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilita' korrettiva[45] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[46]. Sallum[47], il-Qorti ma sabitx riferenzi ta' każijiet ta' trattament inuman jew degradanti fejn jidħlu l-kundizzjonijiet li wieħed jintalab jaħdem taħthom bħala impjegat li, x'aktarx, iqajmu kwestjonijiet ta' ksur ta' jedd ieħor maħsub taħt il-Konvenzjoni, imma mhux dak li fuqu jistrieħ ir-rikorrent f'din il-kawża;

---

[39] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[40] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[41] Ara M. Schiavone (Ed.) <u>*When Judges Dissent*</u> (2008), f'paġġ. 241 – 3
[42] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[43] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***
[44] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[45] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126
[46] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9 u Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83
[47] Fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Vella vs Joseph Bannister noe et*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-**7.3.1994** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) il-kwestjoni dwar it-trattament degradanti u inuman fuq il-post tax-xogħol ma kenitx indirizzata

Illi jidher li ċ-ċirkostanzi li r-rikorrent isemmi bħala dawk li wasslu biex jinkisirlu l-jedd tiegħu li ma jkun ittrattat b'mod inuman u li jbaxxi huma dawk li jsemmi fil-ħames premessa tar-rikors promotur tiegħu. Dan reġa' tennih fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq[48];

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrent ħareġ ċar li l-kundizzjonijiet li taħthom kienu jaħdmu hu u sħabu ma kinux mill-aqwa u kienu jġibu magħhom ċerti ċaħdiet minn ħwejjeġ jew faċilitajiet li wieħed iqishom bħala l-anqas li wieħed jistenna li jsib fuq il-lant tax-xogħol[49]. Jidher ukoll li kien hemm il-biżgħa li, jekk wieħed jitkellem jew jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet jew tas-superjuri, "se jiġrilna bħalu. Dak [jirreferi għar-rikorrent] sospendewh għax irraporta li kien qed isir xogħol ħażin"[50]. Din il-qagħda kienet tqarreb lejn dak li l-liġi tqis bħala vittimiżżazzjoni u t-tħaris li jingħata lill-istess liġi lil min iġarrabha[51]. Ma' dan wieħed irid iqis ukoll il-qagħda mwiegħra ta' saħħet ir-rikorrent matul dak iż-żmien. Tressqet xhieda li turi li r-rikorrent u sħabu kienu jittrattawhom b'ċerta herra[52];

Illi l-Qorti qieset b'reqqa l-provi mressqa quddiemha u qieset il-fatturi u ċ-ċirkostanzi kollha marbutin mal-każ. Madankollu, ma jidhrilhiex li t-trattament li ngħata r-rikorrent kien wieħed li jista' jitqies bħala degradanti jew inuman, kif imfisser u maħsub skond il-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel. Huwa minnu li l-kundizzjonijiet tal-impieg li fih tqiegħdu r-rikorrent u sħabu ma kinux dejjem tajbin. X'aktarx l-istess jista' jingħad għall-faċilitajiet (jew nuqqas tagħhom) li kienu provduti minn TM (bħala Awtorita' Marittima) għall-aħjar qadi tad-dmirijiet tal-*berthing officers* u tal-ħtiġijiet tagħhom waqt li jkunu xogħol. Kien hemm ukoll xi problemi marbutin mas-sigurta' u l-indafa tal-ambjenti li fihom kienu mistennija jaħdmu r-rikorrent u sħabu. Il-Qorti tagħraf ukoll li kemm ir-rikorrent u kemm sħabu kienu b'kull raġun kburin li kienu taw sehem kbir fit-tiswir tal-marini u l-kundizzjonijiet li kienu ntlaħqu bit-tħabrik u bl-inizzjattivi tagħhom, u li kienu taw isem tajjeb lill-istess marini, mhux f'Malta biss. Dan ifisser id-dieqa u d-diżappunt tiegħu u ta' sħabu meta raw jew setgħu ħadu l-ideja li ħaddieħor ma apprezzax dak li kienu għamlu huma u ħattilhom kulma kienu wettqu sa dakinhar. Il-Qorti żammet quddiem għajnejha wkoll li x-xogħol innifsu ta' *berthing assistant* kien jinvolvi ħafna ħin barra fil-miftuħ u f'sigħat ta' xogħol twal f'ħinijiet partikolari;

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti tagħraf ukoll li r-rikorrent jorbot l-ilmenti tiegħu ma' medda ta' żmien li tibda mill-2003[53] sa l-2010. Tagħraf li,

[48] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 368 tal-proċess
[49] Xhieda ta' Albert Borġ, f'paġġ. 91 – 3 tal-proċess
[50] *Ibid.* F'paġġ. 94 – 5 tal-proċess
[51] Ara art. 28 tal-Kap 452 u artt. 3 sa 8 tal-Kap 527
[52] Xhieda ta' David Beżżina f'paġ. 100 tal-proċess
[53] Affidavit tiegħu par 11 f'paġ. 80 tal-proċess

matul dawk is-snin, kien għaddej minn fażi ta' mard qalil u serju li għamlu iżjed konxju tal-kundizzjonijiet li kien mitlub jaħdem fihom. Dawn ma setgħux ma ħallewx marka kbira fuqu u fuq imġiebtu. Ir-rikorrent la allega u wisq anqas ipprova li l-marda li laqtitu kellha l-kawża tagħha fil-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu. Il-Qorti fehmet li r-rikorrent isemmi din iċ-ċirkostanza biex juri li, bl-għarfien b'kollox min-naħa ta' TM tal-qagħda tiegħu, l-intimata ma għamlet xejn biex ma tkagħbarhielux. Fi kliem ieħor, huwa jgħid li TM naqset li timxi kif kien imissha u b'hekk ittrattatu b'mod inuman;

Illi ħareġ ukoll[54] li s-sistema ta' tiswija tal-*pontoon* li dwarha nqala' l-inċident ta' Frar tal-2008 ma reġax intuża f'każijiet oħrajn (għalkemm ir-rikorrent ressaq ritratti – miġbudin matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża – li juru li fil-fatt kien baqa' jsir xogħol bħal dak fuq il-pontuni[55]) u li dakinhar li seħħ l-episodju li minħabba fih ir-rikorrent kien sospiż mix-xogħol l-Awtorita' Marittima kienet ħadet ħsieb li x-xogħol fuq il-*pontoon* ma jsirx f'periklu għas-saħħa tal-ħaddiema[56] u lanqas għad-dgħajjes, li tneħħew minn fejn kien ser isir ix-xogħol qabel ma x-xogħol inbeda[57];

Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li TM naqqsulu l-għamliet u n-natura tax-xogħol li kien trawwem jagħmel għal bosta snin, u l-allegazzjoni tiegħu li dan sar sewwasew bil-ħsieb li jkidduh, il-Qorti tagħraf li, mal-medda taż-żmien, tfasslet politika ġenerali li t-tmexxija tal-marini tgħaddi f'idejn il-privat. Dan tabilfors kien iġib miegħu tnaqqis jew tibdil tax-xogħol li r-rikorrent u sħabu kienu mdorrijin iwettqu. Ma ntweriex, imma, b'dan kollu li ġara, min seta' kien li kellu f'moħħu li jweġġa' jew iżeblaħ lir-rikorrent jew għaliex kellu jitqies li din il-bidla saret biex tittratta lir-rikorrent (u lil sħabu) b'kattiverja;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li TM imxiet b'qies mar-rikorrent li, minkejja li huwa nstab ħati mill-Bord Dixxiplinari ta' mġiba li kienet twassal għat-tkeċċija mill-impieg, għażlet li żżommu impjegat magħha u bidlitlu l-post mnejn jaħdem. Tqis li TM tgħid li għamlet hekk għax qieset saħħet ir-rikorrent u għax uriet ħniena miegħu. Jekk dan huwa tabilħaqq il-każ, imġiba bħal din iddgħajjef ħafna x-xilja ta' trattament degradanti u li jbaxxi. Tqis ukoll li r-rikorrent jgħid[58] li TM daħħlitu lura minħabba li hu kien fetħilha kawża dwar iż-żmien li kien dam miexi l-bord tad-dixxiplina sa ma iddeċieda l-kwestjoni tiegħu;

---

[54] Xhieda ta' Chris Schembri f'paġġ. 131 – 2 tal-proċess
[55] Dokti "AGG53" sa "AGG55", f'paġġ. 329 – 331 tal-proċess
[56] Xhieda ta' Anthony Caruana Spearing f'paġġ. 161 – 3 tal-proċess
[57] Xhieda ta' Alan Borġ f'paġġ. 169 u 170 tal-proċess
[58] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f''paġ. 364 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis ta' siwi rilevanti wkoll l-osservazzjonijiet li għamel l-*Ombudsman* fuq l-ilment tar-rikorrent b'mod partikolari dwar il-kundizzjonijiet tal-post mnejn kien jaħdem: dan qiegħed jingħad għaliex huma osservazzjonijiet imsejsa fuq eżami fattwali minn uffiċjali tal-Uffiċċju tiegħu li raw b'għajnejhom (wara li aċċedew għall-għarrieda u bla ma taw avviż minn qabel[59]) x'kienu l-kundizzjonijiet li minnhom jilminta r-rikorrent. Minn dawn il-kostatazzjonijiet, l-*Ombudsman* wasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrent "rigward iġjene kien esaġerat u għaldaqstant ma jistax ikun sostnut"[60]. Wasal għall-istess fehma fejn jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent dwar li ma kienx jingħata xogħol x'jagħmel[61]. Ma sabx lanqas li kien ingħata jagħmel xogħol li ma kienx tqabbad għalih skond it-tifsira tax-xogħol tiegħu meta daħal jaħdem mal-Awtorita'[62];

Illi taqra kemm taqra x-xhieda, il-Qorti ma tista qatt tidħol fil-libsa ta' min ikun qiegħed ibati – kemm fiżikament u kif ukoll psikoloġikament – jew li tifhem għal kollox x'ikun qed iġarrab. Iżda li ħaddiem ma jkunx kuntent bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu jew li jara l-kuntrarju ma hijiex raġuni tajba waħedha biex b'hekk wieħed jasal għall-fehma li dak li jkun qiegħed jingħata trattament inuman jew li jbaxxih;

Illi l-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent ma seħħlux juri li l-intimata OHSA taħti lejh tax-xiljiet li huwa jagħmel fir-rigwarda tal-intimati kollha flimkien dwar il-ksur tal-jedd fundamentali minnu msemmi. Mill-provi jidher li l-ewwel darba li r-rikorrent daħħal lill-imsemmija OHSA kien f'Lulju tal-2007 u hu kien baqa' jaħdem fl-ambjent tal-marina tal-Imsida sa Frar tal-2008, meta kien sospiż. Ħareġ[63] li OHSA kienet nediet is-superviżjonijiet meħtieġa kull darba li r-rikorrent ressaq ilment magħha, għalkemm tgħid li kien ir-rikorrent innifsu li ma wera l-ebda ko-operazzjoni magħha, kien aggressiv mal-uffiċjali tagħha u ma riedx jagħti kopji taċ-ċertifikati mediċi li talbitu jgħaddilha biex tkun f'qagħda li tqis sewwa dak li minnu kien ilmenta magħha[64]. Ma jidhirx li hija b'xi mod ippermettiet kundizzjonijiet li jiksru l-liġi dwar is-saħħa jew is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u n-nuqqas waħdieni li l-*Ombudsman* sab li l-imsemmija Awtorita' wriet kien fid-dewmien biex twieġeb għall-ilment tar-rikorrent;

Illi fir-rigward tal-intimat Avukat Ġenerali, jingħad li dan iddaħħal fil-kwestjoni biss f'din il-kawża u ma jidher li kellu l-ebda lment kontrih mir-rikorrent sa qabel ma nfetħet. Mill-bosta provi li tressqu, ir-rikorrent ma weriex fejn u kif l-Avukat Ġenerali seta' kien jaħti għal xi trattament

[59] Xhieda ta' David Saliba f'paġ. 342 tal-proċess
[60] Dok "TM3", f'paġ. 32 tal-proċess
[61] *Ibid.* F'paġ. 33 tal-proċess
[62] Ara Dok "AGG24", f'paġġ. 211 – 4 tal-proċess
[63] Xhieda ta' David Saliba f'paġġ. 341 – 5 tal-proċess
[64] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġġ. 415 – 6 tal-proċess

inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel għal kollox mas-sottomissjonijiet magħmulin minn dan l-intimat li ma tressqet l-ebda prova li tista' mqar torbtu mal-ilment tar-rikorrent[65];

Illi fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti tasal mhux biss għall-fehma li l-intimat Avukat Ġenerali ma ntwera li bl-ebda mod għamel jew naqas li jagħmel xiħaġa li biha seta' kiser il-jedd fundamentali pretiż mir-rikorrent, iżda wkoll li r-rikorrent ma seħħlux jipprova b'xi mod xi nuqqas bħal dan min-naħa tal-istess intimat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent** billi ma ntweriex li huwa tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jingħatax trattament degradanti jew inuman bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent** billi hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, kull parti tħallas l-**ispejjeż tagħha tal-kawża**: iżda l-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari tal-25 ta' Novembru, 2010, jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**14 ta' Ġunju, 2016**

---

[65] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 405 – 6 tal-proċess